A.L. 36 ta' l-2003

ATT DWAR L-AWTORITÀ GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL (KAP. 424)

Regolamenti ta' l-2003 dwar Disposizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, 2003

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 12 tal-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, 2000, il-Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Politika Soċjali, f'konsultazzjoni mal-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin-

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2003 dwar Disposizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol. Titolu.

2. (1) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti huwa li jintroduċu miżuri li jinkoraġġixxu u jiżguraw titjib fis-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq ix-xogħol permezz tal-prevenzjoni tar-riskji, il-promozzjoni u s-salvagwardja tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, u permezz tal-eliminazzjoni ta' dawk ir-riskji u fatturi li jistgħu jikkawżaw l-inċidenti fuq ix-xogħol. Skop.

(2) Dawn ir-regolamenti huma maħsuba wkoll sabiex jinkoraġġixxu l-iskambju ta' informazzjoni li tikkonċerna s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol fost dawk involuti fil-postijiet tax-xogħol, u l-konsultazzjoni, il-parteċipazzjoni bbilanċjata u taħriġ tal-ħaddiema u r-Rappreżentanti tas-Saħħa u s-Sigurtà tagħhom.

(3) Ebda ħaġa f'dawn ir-regolamenti m'għandu jwaqqaf lill-Awtorità milli toħroġ xi ordni lil xi persuna li tikkonċerna xi post tax-xogħol fl-interessi tas-saħħa u s-Sigurtà ta' persuna jew persuni.

3. (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra- Tifsir.

"Att" tfisser l-Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, 2000; Kap. 424

"ħaddiem temporanju'' tinkludi kwalunkwe ħaddiem taħt kuntratt ta' impjieg ta' terminu fiss u, jew kull ħaddiem li għandu relazzjoni ta' impjieg temporanja ma' min iħaddem, inkluż:-

(i) ħaddiem li jkollu relazzjoni ta' impjieg regolata b'kuntratt ta' impjieg ta' terminu fiss konkluż direttament bejn min iħaddem u l-ħaddiem, fejn it-tmiem ta' kuntratt ikun stabbilit b'kundizzjonijiet oġġettivi inkluż l-ilħuq ta' data speċifika, it-tlestija ta' biċċa xogħol speċifika jew l-okkorrenza ta' każ speċifiku;

(ii) ħaddiem li jkollu relazzjoni ta' mpjieg temporanja ma' min iħaddem li jkollu mpriża ta' mpjieg temporanju, u fejn il-ħaddiem ikun assenjat xogħol taħt jew għall-impriża u/jew stabbiliment li jagħmel użu mis-servizzi tiegħu;

"prevenzjoni'' tfisser u tinkludi il-passi jew miżuri kollha meħuda jew ippjanati fl-istadji kollha tax-xogħol imwettaq f'impriża sabiex jippreveni jew inaqqas ir-riskji fuq il-post tax-xogħol;

"Rappreżentant tas-Saħħa u s-Sigurtà tal-Ħaddiema"u "Rappreżentant'' ifissru Rappreżentant tas-Saħħa u s-Sigurtà maħtur skond l-Artikolu 6 (4) tal-Att;

"Uffiċjal tas-Saħħa u s-Sigurtà'' u "Uffiċjal'' ifissru Uffiċjal tas-Saħħa u s-Sigurtà maħtur skond l-artikolu 15 tal-Att.

Dmirijiet ġenerali ta' min Iħaddem.

4. (1) Għandu jkun id-dmir ta' min iħaddem li jiżgura s-saħħa u s-Sigurtà tal-ħaddiema f'kull żmien u f'kull aspett li għandu x'jaqsam max-xogħol.

(2) Min iħaddem għandu jagħmel dawk l-arranġamenti xierqa għall-ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, moniturağġ u rivista tal-miżuri preventivi u protettivi, waqt li jikkunsidra n-natura tal-attivitajiet u d-daqs tal-impriża.

(3) Min iħaddem għandu jieħu l-miżuri neċessarji għas-salvagwardja tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, u għal dan il-għan għandu jippreveni riskji fuq il-post tax-xogħol u jipprovdi informazzjoni u taħriġ kif meħtieġ.

Iżda għal dawn l-għanijiet, min iħaddem għandu jipprovdi l-organizazzjoni u l-mezzi neċessarji li bihom jiżgura l-grad ta' *standards* ta' saħħa u sigurtà meħtieġa fuq il-post tax-xogħol:

Iżda wkoll, bl-għan li jitjiebu s-sitwazzjoni eżistenti, min iħaddem għandu jkun attent għall-bżonn ta' aġġustament jew emenda ta' dawk il-miżuri meħuda biex jipproteġu s-saħħa u s-Sigurtà tal-ħaddiema waqt li jikkunsidra ċ-ċirkostanzi li jinbidlu.

Dmirijiet ulterjuri.

5. (1) Mingħajr ħsara għall-ġeneralità tad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, min iħaddem għandu, wara li jikkunsidra n-natura tal-attivitajiet tal-impriża u, jew tal-istabbiliment

(i) jidentifika l-perikli fuq il-post tax-xogħol u għandu jevita riskji għas-saħħa u s-Sigurtà,

(ii) jevalwa dawk ir-riskji għas-saħħa u s-Sigurtà tal-ħaddiema li ma jistgħux jiġu evitati u għandu jikkontrollahom mill-bidu;

(iii) jadatta x-xogħol għall-individwu, speċjalment fejn jidħol l-id-disinn tal-postijiet tax-xogħol, l-għażla tat-tagħmir tax-xogħol u l-għażla tal-metodi tax-xogħol u tal-produzzjoni, bil-ħsieb partikolarment li jitnaqqas ix-xogħol monotonu u xogħol b'rata determinata minn qabel u li jitnaqqas l-effett tagħhom fuq is-saħħa.

Valutazzjoni minn min iħaddem.

6. (1) Mingħajr ħsara għall-ġeneralità ta' dan kollu, min iħaddem għandu jevalwa r-riskji għas-saħħa u s-sigurtà, fost l-ohrajn fl-għażla tat-tagħmir tax-xogħol, is-sustanzi kimiċi u l-preparazzjonijiet kimiċi użati, il-prassi u l-attivitajiet tax-xogħol, u l-għażla u t-tagħmir tal-postijiet tax-xogħol, kif ukoll il-kapaċitajiet tal-ħaddiema sabiex iwettqu x-xogħol assenjat lilhom mingħajr perikli.

(2) Wara l-evalwazzjoni msemmija fl-aħħar subregolament, u kif neċessarju, min iħaddem għandu jieħu l-miżuri neċessarji kollha sabiex jippreveni riskji għas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, u għandu jikkontrolla dawk il-fatturi li jistgħu jagħtu lok għal inċidenti jew li joħolqu riskju għas-saħħa u, jew sigurtà fuq il-post tax-xogħol inkluż fejn neċessarju billi jbiddel metodi tax-xogħol u tal-produzzjoni, sabiex jiġi żgurat titjib fil-livell ta' protezzjoni mogħtija lill-ħaddiema fejn jidħlu saħħa u sigurtà:

Iżda dawn il-miżuri għandhom ikunu integrati fl-attivitajiet kollha u fil-livelli ġerarkiċi kollha fi ħdan l-impriża u, jew l-istabbiliment.

(3) Għandu jkun id-dmir ta' min iħaddem li jiżgura li l-ippjanar u l-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda jkunu s-suġġett ta' konsultazzjoni mal-ħaddiema u, jew mar-rappreżentanti tagħhom, fejn jidħlu l-konsegwenzi tal-għażla tat-tagħmir, il-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-ambjent tax-xogħol għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema.

(4) Min iħaddem għandu jieħu l-passi xierqa sabiex jiżgura li jkunu biss dawk il-ħaddiema li jkunu rċivew taħriġ adekwat u xieraq li jkollhom aċċess għal postijiet fejn ikun hemm periklu serju u speċifiku.

Kooperazzjoni bejn dawk li jħaddmu.

7. Mingħajr ħsara għad-disposizzjonijiet l-oħra ta' dawn ir-regolamenti, fejn dawk li jħaddmu, kuntratturi jew persuni li jaħdmu għal rashom jaqsmu l-post tax-xogħol, min iħaddem, il-kuntratturi u l-persuni li jaħdmu għal rashom għandhom jikkooperaw fl-implimentazzjoni tad-disposizzjonijiet dwar is-saħħa, is-sigurtà u l-iġene, u waqt li jikkunsidraw in-natura ta' l-attivitajiet, għandhom jikoordinaw l-azzjonijiet tagħhom f'materji li jirrigwardaw miżuri protettivi u preventivi, u għandhom jinfurmaw lil xulxin u lill-ħaddiema rispettivi tagħhom u, jew lir-rappreżentanti tagħhom b'dawn ir-riskji.

8. Min iħaddem m'għandux jimponi jew jippermetti li jiġi mpost fuq xi ħaddiem, xi ħlas jew tnaqqis fil-pagi fejn tidħol xi ħaġa magħmula fl-interessi tas-saħħa, is-sigurtà u l-iġene jew assistenza fuq il-post tax-xogħol skond xi disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, jew ta' xi regolamenti oħrajn maħruġa taħt l-Att, jew fejn tidħol xi miżura li għandha x'taqsam mas-saħħa, is-sigurtà, l-iġene jew l-assistenza fuq il-post tax-xogħol.

Servizzi u miżuri protettivi u preventivi.

9. (1) F' kull post tax-xogħol, min iħaddem għandu jagħżel persuna waħda jew aktar li jkollha l-ħeġġa, kapaċitajiet, kompetenza u taħriġ neċessarju sabiex tassistieh fit-teħid ta' miżuri meħtieġa fejn tidħol il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u l-prevenzjoni u l-kontroll tar-riskji ta' fuq ix-xogħol.

Iżda fejn iktar minn persuna waħda tkun magħżula, jew fejn ikunu mqabbda servizzi esterni, min iħaddem għandu jagħmel arranġamenti sabiex jiżgura kooperazzjoni adekwata bejniethom.

(2) Ħaddiema li jkunu ntgħażlu sabiex iwettqu l-attivitajiet imsemmija fl-aħħar subparagrafu, ma jistgħux jitpoħħew f'xi żvantaġġ minħabba l-attivitajiet tagħhom li għandhom x'jaqsmu mal-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u l-prevenzjoni ta' riskji fuq il-post tax-xogħol.

(3) Jekk, għal xi raġuni, il-miżuri protettivi u preventivi meħtieġa minn dawn ir-regolamenti ma jistgħux jiġu organizzati minħabba nuqqas ta' personal kompetenti fl-impriża u, jew l-istabbiliment, min iħaddem għandu jqabbad servizzi jew persuni esterni li jkollhom il-ħajra u l-mezzi personali u professjonali neċessarji.

(4) Fejn min iħaddem iqabbad servizzi jew persuni esterni, min iħaddem għandu jinfurmhom bil-fatturi magħrufa jew suspettati li jaffettwaw is-saħħa u s-sigurtà ta' kull persuna mit-tmexxija tal-impriża.

(5) Fejn min iħaddem iqabbad servizzi jew persuni esterni, min iħaddem għandu jipprovdilhom, u jiżgura l-aċċess għal kull informazzjoni li tkun neċessarja sabiex tippermettilhom li jwettqu x-xogħol tagħhom, inkluża informazzjoni li għandha tingħata lill-ħaddiema permezz ta' dawn ir-regolamenti.

(6) Fl-għażla tal-ħaddiema jew servizzi esterni li għandhom ikunu kkonsultati, inklużi n-numri meħtieġa kif ukoll il-livell ta' taħriġ u kompetenza professjonali, min iħaddem għandu wkoll jikkunsidra d-daqs tal-impriża u, jew l-istabbiliment, in-numru ta' persuni preżenti f' kull ħin, il-perikli li għalihom il-ħaddiema huma esposti u d-distribuzzjoni tagħhom fl-impriża u, jew l-istabbiliment, u fil-każ ta' ħaddiema magħżula mill-istabbiliment, għandu jiżgura li l-ħin u l-mezzi għad-disposizzjoni tagħhom sabiex jaqdu l-funzjonijiet tagħhom huma adegwati.

(7) Fejn ikunu maħtura kemm ħaddiema magħżula u kemm servizzi esterni, min iħaddem għandu jara li jkun hemm koordinazzjoni tal-attivitajiet li għandhom jitwettqu, u li dawn jaħdmu flimkien kull meta jkun neċessarju.

(8) Għandu jkun id-dmir ta' min iħaddem li jiżgura li l-ħaddiema jew is-servizzi magħżula jkunu infurmati bl-assenjazzjoni tax-xogħol lil ħaddiema temporanji sa fejn ikun neċessarju għall-ħaddiema magħżula sabiex iwettqu l-attivitajiet ta' protezzjoni u prevenzjoni tagħhom b'mod adekwat għall-ħaddiema kollha fl-impriża u, jew l-istabbiliment.

(9) L-Awtorità tista' tiddetermina l-kapaċitajiet, il-ħajra u l-livell u t-tip ta' taħriġ meħtieħ minn persuni magħżula għall-implimentazzjoni adekwata u xierqa ta' dan ir-regolament.

Evalwazzjoni tar-riskju.

10. (1) Għandu jkun id-dmir ta' kull min iħaddem u ta' kull persuna li taħdem għal rasha li tagħmel, jew li tiżgura li ssir, evalwazzjoni xierqa, suffiċenti u sistematika tal-perikli għas-saħħa u s-sigurtà kollha li jistgħu ikunu preżenti fuq il-post tax-xogħol u r-riskji li jirriżultaw li jikkonċernaw l-aspetti kollha tal-attività tax-xogħol. Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom jikkunsidraw ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema u ta' persuni li jaħdmu għal rashom li għalihom ikunu esposti waqt ix-xogħol, kif ukoll ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà ta' persuni oħrajn, inklużi dawk li jżuru l-post tax-xogħol, liema riskji jirriżultaw mix-xogħol imwettaq, jew in konnessjoni miegħu, jew mit-tmexxija tal-impriża:

Iżda meta jsiru dawn l-evalwazzjonijiet, min iħaddem u persuna li taħdem għal rasha għandhom jikkunsidraw ukoll bidliet fl-attivitajiet tax-xogħol imwettaq u fil-post tax-xogħol, u għandhom jieħdu azzjoni xierqa.

(2) Fejn ikunu impjegati ħames ħaddiema jew aktar, min iħaddem għandu jżomm fil-pussess tiegħu kopji bil-miktub jew li jistgħu jinkisbu b'mod elettroniku ta' dawn l-evalwazzjonijiet, u għandu jiżgura li jkunu aġġornati regolarment.

(3) Min iħaddem u persuna li taħdem għal rasha għandhom jiddeċiedu dwar il-miżuri protettivi xierqa għan-natura tax-xogħol imwettaq li jeħtieġ li jittieħdu wara evalwazzjonijiet bħal dawn u, jekk ikun neċessarju, dwar it-tagħmir protettiv li għandu jintuża.

(4) L-evalwazzjonijiet imsemmija f'dan ir-regolament għandhom jiġu riveduti kull meta jkun hemm bidla kbira fil-kundizzjonijiet tax-xogħol, jew kull meta min iħaddem jew persuna li taħdem għal rasha jkollhom raġuni sabiex jissuspettaw li dawn m'għadhomx validi.

Periklu serju u imminenti.

11. (i) Min iħaddem għandu jwaqqaf u jagħti effett lill-proċeduri xierqa li għandhom jiġu segwiti fil-każ ta' periklu serju u imminenti, u għal dan il-għan għandhom jinnominaw numru biżżejjed ta' persuni kompetenti sabiex jimplimentaw dawk il-proċeduri li għandhom jiġu segwiti meta ċ-ċirkostanzi jew is-sitwazzjoni jkunu jirrikjedu l-evakwazzjoni ta' persuni mill-post tax-xogħol.

(ii) Min iħaddem għandu:

(a) mill-iktar fis possibli jinfoma lill-ħaddiema kollha li huma, jew li jistgħu ikunu esposti għal periklu serju u imminenti, bir-riskju involut, u tal-passi li ttieħdu jew li għandhom jittieħdu fir-rigward ta' protezzjoni.

(b) jieħu azzjoni u jagħti struzzjonijiet, sabiex ħaddiema jkunu jistgħu, fil-każ ta' periklu serju u imminenti, biex jieqfu mix-xogħol u jew biex immedjatament jitilqu mill-post tax-xogħol u jmorru f'post sigur.

(c) jonqos milli jitlob lill-ħaddiema, ħlief f'każijiet eċċezzjonali talment sostanzjati, biex jerġgħu jibdew jaħdmu f'sitwazzjonijiet fejn ikun għad hemm periklu serju u imminenti.

(iii) Min iħaddem m'għandu jieħu l-ebda azzjoni, dixxiplinari jew ta' xorta'oħra, kontra ħaddiem li neħħa lilu nnifsu minn sitwazzjoni ta' xogħol fejn il-ħaddiem ikollu ġustifikazzjoni raġjonevoli

li kienet tikkawża periklu serju u imminenti għal ħajtu jew saħħtu, jew kontra rappreżentant tal-ħaddiema li jinforma lil xi ħaddiem b'sitwazzjoni ta' xogħol li tkun qed tikkaġuna periklu imminenti u serju għall-ħajja jew għas-saħħa.

(iv) Min iħaddem għandu jiżgura li l-ħaddiema kollha jkunu jistgħu, f'każ ta' periklu serju u imminenti għas-saħħa u s-sigurtà tagħhom u, jew ta' persuni oħra, u meta s-superjur immedjat responsabbli ma jkunx jista' jkun ikkuntatjat, biex jieħdu dawk il-passi xierqa, fid-dawl ta' dak li jafu u l-mezzi tekniċi disponnibli għalihom, biex jevitaw il-konsegwenzi ta' tali periklu. L-azzjonijiet tagħhom ma jpoġġuhomx fi żvantaġġ, sakemm ma jkunux aġixxew b'traskuraġni jew jekk kien hemm xi negliġenza da parti tagħhom.

Għoti ta' informazzjoni.

12. (1) Għandu jkun id-dmir ta' min iħaddem li jagħti informazzjoni li tinftihem u relevanti lill-ħaddiema u lir-rappreżentanti tagħhom dwar:

(i) ir-riskji għas-saħħa u s-sigurtà li huma magħrufa minn min iħaddem jew li ġew identifikati minn xi evalwazzjoni tar-riskju imwettqa minn, jew għal min iħaddem, u li huwa magħruf li huma preżenti fil-post tax-xogħol in ġenerali, kif ukoll fejn jidħol kull stazzjon tax-xogħol individwali, u fejn jidħol xi tip ta' xogħol jew attività ta' xogħol assenjata;

(ii) il-miżuri preventivi u protettivi meħtieġa fejn jidħlu r-riskji kollha identifikati;

(iii) il-proċeduri li għandhom ikunu segwiti fil-każ ta' periklu serju u imminenti preżenti fuq ix-xogħol, inkluż dwar l-evakwazzjoni tal-ħaddiema, u dwar arranġamenti magħmula fejn jidħlu l-ewwel għajnuna u t-tifi tan-nar:

Iżda, fejn ikun adatt, min iħaddem għandu jipprovdi tabelli bl-informazzjoni li għandhom jitpoġġew f'postijiet xierqa li jindikaw il-proċeduri u l-arranġamenti magħmula fuqhom, inklużi l-ismijiet tal-persuna jew persuni responsabbli, il-post tagħhom fl-istabbiliment u kif dawn jistgħu jiġu kkuntattjati bl-aħjar mod meta jkun hemm il-bżonn.

(2) Min iħaddem għandu jieħu l-miżuri xierqa sabiex min iħaddem impjegati barra l-impriża u, jew l-istabbiliment imqabbda biex jagħmlu xogħol fl-impriża u, jew fl-istabbiliment ta' min iħaddem, jirċievu informazzjoni adekwata dwar materji li jistgħu jaffettwaw is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, u din l-informazzjoni għandha tingħata lill-ħaddiema in kwistjoni.

(3) Min iħaddem għandu jieħu l-miżuri xierqa sabiex ħaddiema b'funzjonijiet speċifiċI li jipproteġu s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, jew ir-rappreżentanti tal-ħaddiema b'responsabbilità speċifika għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema għandhom jitħallew jaqdu l-funzjonijiet tagħhom, u partikolarment għandu jkollhom aċċess għall-

(a) miżuri protettivi u ta' evalwazzjoni tar-riskju imsemmija hawn qabel, u

(b) l-informazzjoni kollha fejn jidħlu s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol mogħtija lil min iħaddem minn aġenziji barranin kuntrattati minnu dwar kull aspett li għandu x'jaqsam mas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, kif ukoll minn Uffiċjal.

Konsultazzjoni u parteċipazzjoni tal-ħaddiema.

13. (1) Għandu jkun id-dmir ta' min iħaddem li jikkonsulta mal-ħaddiema fil-post tiegħu u, jew ir-rappreżentanti għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, bil-quddiem u bil-quddiem biżżejjed, bl-iskop li jagħmel u jżomm arranġamenti li jippermettu lil min iħaddem u lill-ħaddiema li jikkooperaw b'mod sħiħ u effettiv fil-promozzjoni u l-iżvilupp ta' miżuri preventivi u protettivi li bihom jiġu żgurati s-saħħa, is-sigurtà u l-assistenza fuq ix-xogħol, u li jaċċertaw l-effettività ta' dawn il-miżuri.

(2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subparagrafu preċedenti, il-ħaddiema għandhom jagħżlu minn fosthom rappreżentant jew rappreżentanti skond il-każ, minn hawn 'il quddiem imsejjħin ir-rappreżentanti tal-ħaddiema, sabiex jirrappreżenthom fil-konsultazzjonijiet skond dan ir-regolament ma' min iħaddimhom:

Iżda jekk wara konsultazzjoni xierqa bejn min iħaddem u l-impjegati tiegħu in-numru ta' ħaddiema ma jitqiesx biżżejjed sabiex jippermetti l-ħatra ta' rappreżentant, min iħaddem għandu jikkonsulta, u jippermetti l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema kollha f'materji msemmija fis-subregolament (5) ta' dan ir-regolament.

(3) Fejn f'post tax-xogħol il-ħaddiema jonqsu għal kwalunkwe raġuni milli jagħżlu minn fosthom persuna sabiex tirrappreżenta l-interessi tagħhom f'materji li jikkonċernaw is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, min iħaddem għandu jaħtar persuna jew numru ta' persuni sabiex jaġixxu bħala r-rappreżentanti tal-ħaddiema għas-saħħa u s-sigurtà, u li għandu jkollhom ukoll id-dritt li jaġixxu f'isem il-ħaddiema wara konsultazzjoni xierqa.

(4) Rappreżentant tal-ħaddiema m'għandux iwettaq, jew ikun involut f'xi xogħol li jista' jwassal għal kunflitt ta' interess fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu skond dawn ir-regolamenti, u fil-qadi ta'

dawn il-funzjonijiet, ir-rapprezentant tal-ħaddiema għandu jaġixxi bl-għan ewlieni li jissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema.

(5) Il-ħaddiema u r-rappreżentanti tagħhom għandu jkollhom id-dritt li jagħmlu rappreżentazzjonijiet ma' min iħaddimhom u li jressqulu proposti dwar kull aspett li jista' jaffettwa s-saħħa, is-sigurtà u l-assistenza fuq ix-xogħol, iżda mhux limitat għal-

(i) miżuri li jistgħu jaffettwaw sostanzjalment is-saħħa u s-sigurtà;

(ii) l-għażla ta' ħaddiema b'funzjonijiet speċifiċi għall-ewwel għajnuna, tifi tan-nar u evakwazzjoni tal-ħaddiema fil-każ ta' periklu serju u imminenti, u dwar il-metodu tas-selezzjoni tar-rappreżentanti tal-ħaddiema;

(iii) dawk l-evalwazzjonijiet tar-riskju li jeħtieġ li jitwettqu minn min iħaddem u r-riżultati tagħhom, il-miżuri preventivi u protettivi li jeħtieġ jittieħdu;

(iv) inċidenti fuq il-post tax-xogħol, korrimenti u każijiet ta' ħsara għas-saħħa fuq il-post tax-xogħol li jiġru fil-post tax-xogħol ta' min iħaddem;

(v) l-ingaġġar, fejn u meta xieraq, ta' dawk is-servizzi jew ta' persuni kompetenti barra l-impriża u, jew l-istabbiliment, kif imsemmi fir-regolament 9 (3);

(vi) l-informazzjoni kollha li jeħtieġ tingħata lill-ħaddiema permezz ta' dawn ir-regolamenti u ta' kwalunkwe regolamenti oħrajn maħruġa taħt l-Att;

(vi) l-ippjanar u l-organizzazzjoni tat-taħriġ meħtieġ li jingħata lill-ħaddiema permezz ta' dawn ir-regolamenti u ta' kwalunkwe regolamenti oħrajn maħruġa taħt l-Att;

(6) Ir-rappreżentanti tal-ħaddiema għandu jkollhom id-dritt li jsaqsu lil min iħaddem sabiex jieħu miżuri xierqa u li jissottomettulu proposti għal dak il-għan sabiex jitnaqqsu l-perikli għall-ħaddiema u, jew biex jitneħħew is-sorsi ta' periklu.

(7) Il-ħaddiema u r-rappreżentanti tal-ħaddiema ma jistgħux jiġu żvantaġġjati minħabba l-attivitajiet tagħhomli jsiru b'riżultat ta' xi materja relatata mas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol.

(8) Min iħaddem għandu jħalli lir-rappreżentanti tal-ħaddiema b'responsabbilità speċifika għas-saħħa u s-sigurtà fuq

il-post tax-xogħol, ħin liberu mix-xogħol, mingħajr telf ta' ħlas, u jipprovdihom bil-mezzi neċessarji li jippermettu lil dawn ir-rappreżentanti li jeżerċitaw id-drittijiet u l-funzjonijiet tagħhom li joħorġu minn dawn ir-regolamenti.

(9) Il-ħaddiema u, jew ir-rappreżentanti tagħhom huma ntitolati li jagħmlu rappreżentazzjonijiet lill-Awtorità jekk huma jikkunsidraw li l-miżuri meħuda u l-mezzi użati minn min iħaddem huma inadekwati għall-iskopijiet ta' saħħa u sigurtà fuq ix-xogħol.

(10) Ir-rappreżentanti tal-ħaddiema għandhom jingħataw l-opportunità li jissottomettu l-osservazzjonijiet tagħhom waqt iż-żjarat ta' l-Uffiċjali.

Taħriġ tal-ħaddiema u tar-rappreżentanti.

14. (1) Min iħaddem għandu jiżgura li kull ħaddiem jirċievi taħriġ adegwat fuq is-saħħa u s-sigurtà, partiokolarment fil-forma ta' informazzjoni u struzzjonijiet speċifiċi għall-istazzjon tax-xogħol u għax-xogħol assenjat:

(i) fil-mument ta' l-ingaġġ;

(ii) fil-każ ta' trasferiment jew bidla fit-tip ta' xogħol;

(iii) fil-każ ta' introduzzjoni ta' tagħmir tax-xogħol ġdid jew bidla fit-tagħmir;

(iv) ma' l-introduzzjoni ta' xi teknoloġija ġdida;

(iv) ma' l-introduzzjoni ta' prassi tax-xogħol ġdida.

(2) It-taħriġ imsemmi fil-paragrafu preċedenti għandu jkun addattat sabiex jieħu in konsiderazzjoni riskji ġodda jew li nbidlu, u fejn ikun neċessarju għandu jkun repetut kull tant żmien.

(3) Min iħaddem għandu jiżgura li ħaddiema minn impriżi u, jew stabbilimenti barranin li jwettqu xogħol fl-impriża u, jew l-istabbiliment tiegħu ikunu fil-fatt irċivew struzzjonijiet xierqa li għandhom x'jaqsmu mar-riskji għas-saħħa u s-sigurtà waqt l-attivitajiet tagħhom fl-impriża u, jew l-istabbiliment tiegħu.

(4) Ir-rappreżentanti tal-ħaddiema għandhom ikunu intitolati għal taħriġ xieraq.

(5) Taħriġ li jkun ikkummissjonat minn min iħaddem u mogħti lill-ħaddiema jew lir-rappreżentanti tal-ħaddiema permezz ta' dawn ir-regolamenti għandu jitħallas mill-imsemmi min iħaddem.

(6) It-taħriġ mogħti lill-ħaddiema u lir-rappreżentanti tal-ħaddiema għandu jsir waqt il-ħin tax-xogħol.

Obbligi tal-ħaddiema.

15. (1) Għandu jkun id-dmir ta' kull ħaddiem li jieħu ħsieb kemm jista' jkun is-saħħa u s-sigurtà tiegħu stess kif ukoll dawk ta' persuni oħrajn li jistgħu jkunu affettwati bl-atti jew xogħol tiegħu skond it-taħriġ u l-istruzzjonijiet mogħtija minn min iħaddem.

(2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dan kollu, għandu jkun id-dmir tal-ħaddiem li:

(i) jagħmel użu korrett tal-makkinarju, apparat, għodda, sustanzi perikolużi, tagħmir tat-trasport u mezzi oħrajn ta' produzzjoni;

(ii) jagħmel użu korrett tat-tagħmir protettiv personali mogħti lilu u, wara l-użu, jirritornah f'postu;

(iii) ma jiskonnettjax, jibdel jew ineħħi b'mod arbitrarju l-mezzi ta' sigurtà użati, ma' makkinarju, apparat, għodda, impjanti u bini, u li juża dawn il-mezzi ta' sigurtà b'mod korrett;

(iv) jinforma immedjatament lil min iħaddem u, jew lill-ħaddiema bir-responsabbilità speċifika għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema b'xi sitwazzjoni tax-xogħol li jkollu raġunijiet jikkunsidra li tippreżenta periklu serju u imminenti għas-saħħa u s-sigurtà u b'xi nuqqasijiet fl-arranġamenti ta' protezzjoni;

(v) jikkoopera ma' min iħaddem u ma' ħaddiema bir-responsabbilità speċifika għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, għat-tul ta' żmien neċessarju sabiex jitlesta x-xogħol jew ħtiġijiet imposti mill-Awtorità sabiex jiġu protetti s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema fuq ix-xogħol;

(vi) jikkoopera ma' min iħaddem u, jew ma' ħaddiema bir-responsabbilità speċifika għas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, għat-tul ta' żmien neċessarju sabiex min iħaddem jiżgura li l-ambjent tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol ikunu mingħajr periklu u li ma jpoġġu l-ebda riskju għas-saħħa u s-sigurtà fil-qasam tal-attività tagħhom.

Sorveljanza tas-saħħa.

16. (1) Il-ħaddiem huwa intitolat li jkollu sorveljanza tas-saħħa kull tant żmien, u għal dan il-għan min iħaddem għandu jiżgura li l-ħaddiema jkunu provvduti b'sorveljanza tas-saħħa skond il-perikli tas-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol, u għandu jagħmel l-arranġamenti kollha kif meħtieġ.

(2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subregolament preċedenti, is-sorveljanza tas-saħħa għandha ssir kull meta l-evalwazzjoni tar-riskju meħtieġa li ssir minn min iħaddem turi:

(i) marda identifikabbli jew kundizzjoni ħażina għas-saħħa li għandha x'taqsam max-xogħol involut;

(ii) il-possibilità li l-marda jew il-kundizzjoni jistgħu jinqalgħu taħt il-kundizzjonijiet partikolari tax-xogħol.

(3) Wara li ħaddiem jkollu sorveljanza tas-saħħa kif meħtieġ taħt dan ir-regolament, min Iħaddem għandu jkun intitolat biss li jingħata, mingħand il-persuna li twettaq is-sorveljanza, dawk id-dettalji mediċi li huma direttament relatati max-xogħol imwettaq jew mal-kundizzjonijiet tax-xogħol, iżda din l-informazzjoni tingħata taħt kunfidenzjalità stretta.

Gruppi ta' riskju u gruppi vulnerabbli.

17. Għandu jkun id-dmir ta' min iħaddem li jieħu l-miżuri u l-prekawzjonijiet kollha sabiex jipproteġi gruppi partikolarment sensittivi għal xi riskju jew li huma vulnerabbli, kontra l-perikli li jaffettwawhom speċifikament.

Ħaddiema temporanji.

18. (1) Min iħaddem għandu jiżgura li ħaddiema temporanji jingħataw l-istess livell ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà fuq i-post tax-xogħol bħal dak ta' ħaddiema oħrajn fl-impriża u, jew l-istabbiliment li tagħmel użu minnhom, u għal dan il-għan għandu jibqa' responsabbli, għat-tul taż-żmien tal-biċċa xogħol, għall-kundizzjonijiet konnessi mas-saħħa, s-sigurtà u l-iġene fuq ix-xogħol li jirregolaw il-prestazzjoni tax-xogħol:

Iżda l-eżistenza ta' relazzjoni ta' mpjieg li tkun partikolari jew speċifika għal ħaddiem minħabba li jkun ħaddiem temporanju, m'għandhiex tiġġustifika trattament differenti fejn jidħlu l-kundizzjonijiet tax-xogħol fejn ikunu nvoluti l-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà, speċjalment fejn jidħol l-aċċess għat-tagħmir protettiv personali.

(2) Min iħaddem għandu jipprovdi lill-ħaddiema temporanji b'informazzjoni li tinftihem dwar-

(i) kwalifiki tax-xogħol jew sengħa meħtieġa li jkollu ħaddiem sabiex ikun jista' jaħdem mingħajr periklu; u

(ii) is-sorveljanza tas-saħħa li jeħtieġ tingħata taħt dawn ir-regolamenti jew taħt xi regolamenti oħrajn maħruġa taħt l-Att;

(iii) il-fatturi speċifiċi tax-xogħol li ser jinghata lill-ħaddiem temporanju, inklużi xi riskji speċifiċi addizjonali, fejn dawn il-fatturi jkunu jistgħu jaffettwaw is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol:

Iżda din l-informazzjoni għandha tingħata lill-ħaddiem temporanju qabel ma jibda d-dmirijiet tiegħu.

Iżda wkoll, fejn ikun indikat minħabba xi riskji għas-saħħa u s-sigurtà li joħorġu jew ikunu preżenti fix-xogħol li għalih il-ħaddiem temporanju jkun ġie assenjat, min iħaddem għandu jipprovdi biżżejjed taħriġ xieraq skond il-karatteristiċi partikolari tax-xogħol, waqt li jikkunsidra l-kwalifiċi u l-esperjenza tal-ħaddiem temporanju.

(3) Fejn ix-xogħol assenjat lil ħaddiem temporanju jirrikjedi sorveljanza medika minħabba li x-xogħol ikun assoċjat ma' riskji kbar ta' saħħa u, jew sigurtà, min iħaddem m'għandu taħt l-ebda ċirkostanza jippermetti li dak ix-xogħol isir minn ħaddiem temporanju sakemm ma jkunx provdut b'sorveljanza medika li tkun xierqa għax-xogħol assenjat.

Iżda fejn ikun indikat, min iħaddem għandu wkoll ikun responsabbli li jiżgura li s-sorveljanza medika speċjali testendi lil hinn mit-tmiem tar-relazzjoni ta' impjieg tal-ħaddiem in kwistjoni.

(4) Min iħaddem għandu jinforma impriża ta' mpjieg temporanju bil-kwalifiċi tax-xogħol meħtieġa u l-fatturi speċifiċi tax-xogħol li jkun ser isir meta jitlob li jiġu provduti ħaddiema temporanji mill-impriża ta' mpjieg temporanju, u dik l-impriża għandha tiġbed l-attenzjoni tal-ħaddiema kkonċernati b'dawn il-fatti. L-impriża ta' mpjieg temporanju għandha tiżgura wkoll li din l-informazzjoni tkun imdaħħla f' kull kuntratt iffirmat ma' min iħaddem għall-provvista ta' ħaddiema temporanji, li fost l-oħrajn, għandu jinkludi wkoll dettalji ta' xi sorveljanza medika meħtieġa.

Dmir li ma jkunx hemm interferenza jew użu ħażin.

19. (1) L-ebda persuna m'għandha intenzjonalment jew bi traskuraġni tinterferi jew tuża ħażin xi ħaġa pprovduta fl-interessi tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol skond kull disposizzjoni f'dawn ir-regolamenti jew xi disposizzjonijiet oħrajn maħruġa taħt l-Att.

(2) L-ebda persuna m'għandha tbagħbas xi tagħmir jew apparat provdut għall-protezzjoni tal-ħaddiema b'mod li dak it-tagħmir jew apparat ma jibqax effettiv jew adatt għall-iskop li għalih kien oriġinarjament maħsub, jew li juża ħażin xi ħaġa provduta kif imsemmi, jew li jagħmel xi ħaġa, tkun li tkun, li tista' tipperikola s-saħħa jew is-sigurtà tal-ħaddiema.

Fuq min taqa' l-prova.

20. F'dawk il-proċedimenti dwar reat li jsiru taħt dawn ir-regolamenti, li jkun jikkonsisti fin-nuqqas ta' twettiq ta' dmir jew ħtieġa li ssir xi ħaġa sakemm din tkun prattika jew sakemm din tkun bir-raġun prattika, jew li jintużaw l-aħjar mezzi prattiċi biex issir xi ħaġa, għandu jkun jaqa' fuq l-akkużat li jipprova (skond ma jkun il-każ) illi ma kienx prattiku jew bir-raġun prattiku li jagħmel iktar milli fil-fatt sar sabiex iwettaq id-dmir jew il-ħtieġa, jew li ma kienx ħemm mezzi prattiċi aħjar minn dawk li fil-fatt intużaw sabiex iwettaq id-dmir jew il-ħtieġa.

Offiżi.

21. (1) Il-ksur ta' xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti għandu jitqies bħala offiża.

(2) Kull persuna li xjentament jew bi traskuraġni tindaħal fil-proċess li post tax-xogħol ikun bla periklu, għandu jkun ħati ta' reat.

Revoka ta' xi regolamenti ta' l-A.L. 52 tal-1986.

22. Ir-regolamenti 9,11, 33, 43, 44, 45, 47, 48, 49, 50, 52, 53, 58, 59 u 60 tar-Regolamenti tal-Fabbriki (Saħħa, Skansar u Ħsieb Ġenerali), 1986 u l-Iskeda mwaħħla ma' l-istess regolamenti għandhom jitqiesu bħala revokati mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti.